Standards Soċjali Regolatorji

# SERVIZZI RESIDENZJALI GĦAL PERSUNI LI JGĦIXU BID-DIMENZJA FID-DJAR TAL-ANZJANI

SCSA
SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

# Standards Soċjali Regolatorji

## Servizzi Residenzjali għal Persuni li jgħixu bid-Dimenzja fid-Djar tal-Anzjani

# DAĦLA



## ONOR. MICHAEL FARRUGIA

### MINISTRU

GĦALL-ANZJANI U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Fis-snin li ġejjin, il-popolazzjoni ta' pajjiżna mistennija tinbidel u d-dimenzja se tkun realtà li jkollna niltaqgħu magħha aktar spiss. Aktar mhu se jgħaddi ż-żmien, aktar se jiżdied il-perċentwal ta' nies li huma anzjani ta' aktar minn 65 sena jew aktar, filwaqt li dawk li huma ta' etajiet iżgħar mistennija jonqsu.

Għaldaqstant, nemmnu li minn issa għandna nieħdu l-passi kollha meħtieġa biex nippreparaw lilna nfusna għal dak li se nkunu qegħdin ngħixu fil-futur, filwaqt li minn issa nagħmlu dak kollu possibbli biex min jgħix bid-dimenzja jkollu kwalità ta' ħajja tajba.

Permezz ta' dawn l-istandards soċjali regolatorji, qegħdin nindirizzaw għall-ewwel darba nuqqasijiet li kien hemm fil-leġiżlazzjoni ta' pajjiżna, fejn għandha x'taqsam ir-regolazzjoni ta' servizzi għal persuni li jgħixu bid-dimenzja.

Dan il-pass qed jittieħed wara li ġew imnedija l-istandards għal servizzi residenzjali għall-anzjani. Qegħdin nagħmlu dan għax aħna nemmnu li dawn l-istandards għandhom ikunu parti integrali mill-istandards għas-servizzi residenzjali għall-anzjani, ħalli b'hekk inkomplu nissimplifikaw il-proċessi u nagħmluha aktar faċli għal dawk li jipprovdu s-servizz biex ikunu aktar effiċjenti f'xogħolhom, filwaqt li s-servizz ikun aktar effettiv għal dawk li jagħmlu użu minnu.

Dawn l-istandards jiddefinixxu r-responsabbiltajiet li għandhom dawk li jipprovdu s-servizz lejn ir-residenti li jgħixu bid-dimenzja. Jistabbilixxu wkoll li dawn ir-responsabbiltajiet għandhom japplikaw f'kull dar li fiha tilqa' residenti li għandhom id-dimenzja. Fl-istess waqt, dawn l-istandards jaraw li l-persuni bid-dimenzja jingħataw l-istess drittijiet bħal persuni oħra, li jgħixu fid-djar residenzjali u li m'għandhomx dimenzja.

B'dan il-mod qegħdin nimxu pass ieħor 'il quddiem fil-qasam tal-ħarsien soċjali u qegħdin indaħħlu miżuri oħra li jiżguraw is-sigurtà u l-ħarsien ta' dawk il-persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar residenzjali tal-anzjani.



# DOTT. ANGELE ELLUL FENECH

## KAP EŻEKUTTIV

AWTORITÀ
TA' STANDARDS
TA' ĦARSIEN SOĊJALI

L-iStandards Soċjali Regolatorji għal servizzi residenzjali għal persuni li jgħixu bid-dimenzja, fi djar residenzjali għall-anzjani nħolqu apposta biex jiffokaw fuq il-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn il-persuni vulnerabbli.

Fost l-oħrajn, dawn l-iStandards jikkonsidraw l-elementi ta' sigurtà miżjuda li hemm bżonn; il-bżonnijiet mediċi relatati ma' saħħet dawn il-persuni; u anke l-aġġustament fl-ambjent fiżiku li jrid isir, biex tiġi ffaċilitata l-orjentazzjoni u n-navigazzjoni tagħhom fid-djar residenzjali.

Barra minn hekk, isemmu l-bżonn li l-persuni bid-dimenzja jkollhom rappreżentant maħtur legalment u li jkun involut fil-kura tagħhom, filwaqt li jippromwovi l-interessi tagħhom. Flimkien ma' dan, jistabbilixxu li l-ħaddiema li jaħdmu ma' dawn il-persuni għandhom jingħataw it-taħriġ speċjalizzat li hu meħtieġ, biex ikunu jafu kif għandhom jindirizzaw il-bżonnijiet tagħhom.

Bħal Standards oħra, dawn ukoll qegħdin jiġu msaħħin bil-liġi. Fl-istess waqt, jinkludu stqarrijiet u indikaturi ta' kwalità, li jiggwidaw lil min jipprovdi s-servizz. Fil-fatt, l-iStandards infushom isemmu x'inhu mitlub minn dawk li jipprovdu s-servizz biex tinkiseb il-kwalità neċessarja u biex iħallu impatt tajjeb fuq il-ħajja tal-persuni vulnerabbli.

Għal darb'oħra, il-proċess li għamlet l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali biex tħejji dawn l-iStandards kien wieħed li involva lill-esperti u lill-professjonisti f'dan il-qasam. Wara l-konsultazzjoni li saret, l-ideat li ngħataw ġew evalwati u kkonsidrati, bħalma ġie kkonsidrat ukoll li dawn l-iStandards joħorġu abbinati mal-istandards għal servizzi residenzjali għall-anzjani.

Fuq kollox, il-ħsieb ta' dawn l-iStandards għandu jkun li r-residenti li jgħixu bid-dimenzja għandhom jgħixu f'ambjent sigur u addattat għall-bżonnijiet tagħhom, filwaqt li fejn hemm bżonn għandu jsir it-tibdil neċessarju.

# WERREJ

**Introduzzjoni għall-iStandards** ........ **6**

**Il-Prinċipji li fuqhom huma bbażati l-iStandards** ........ **7**

**Glossarju** ........ **8**

**Standard 1:** Rappreżentanza Legali ........ 11

**Standard 2:** Is-Saħħa Personali u l-Kura Medika tar-Residenti ........ 13

**Standard 3:** L-Ambjent Fiżiku ........ 17

**Standard 4:** Immaniġġjar ta' Kwalità ........ 21

# INTRODUZZJONI GĦALL-ISTANDARDS

Dawn l-iStandards jistabbilixxu l-livell mistenni tas-servizz li għandu jingħata mill-provdituri tas-servizz skont il-Prinċipji tal-iStandards Soċjali Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għall-Anzjani. L-għan ta' dan is-sett ta' Standards Soċjali Regolatorji huwa li jkun żgurat illi persuni li jgħixu bid-dimenzja fi Djar ta' Kura Residenzjali għall-Anzjani jirċievu l-aqwa kura possibbli. Dawn l-iStandards Soċjali Regolatorji jiddefinixxu r-responsabbiltajiet tal-provdituri tas-servizz residenzjali lejn ir-residenti kollha li jgħixu bid-dimenzja, fi kwalunkwe żona tad-dar ta' kura residenzjali u irrispettivament mill-istadju tagħhom tad-dimenzja.

Il-persuni li jgħixu bid-dimenzja għandhom jingħataw ukoll l-istess drittijiet ipprovduti lil persuni fi djar ta' kura residenzjali li ma jkunux ġew dijanjostikati bid-dimenzja. Konsegwentement, meta jiġu pprovduti servizzi residenzjali lil persuni li jgħixu bid-dimenzja, dan is-sett ta' Standards Soċjali Regolatorji għandu japplika flimkien mal-iStandards Soċjali Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għall-Anzjani, maħruġa minn din l-istess Awtorità.

## IL-PRINĊIPJI LI FUQHOM HUMA BBAŻATI L-ISTANDARDS

Dawn l-iStandards Soċjali Regolatorji qed jiġu stabbiliti bil-fehim li l-persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għandhom l-istess dritt għal kura ta' kwalità bħar-residenti li m'għandhomx id-dimenzja. Il-prinċipji stabbiliti fl-iStandards Soċjali Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għall-Anzjani tal-Awtorità japplikaw ukoll għal dawn ir-residenti. Madankollu, għandhom ukoll id-dritt għal salvagwardji addizzjonali minħabba ċ-ċirkostanzi tagħhom. B'dawn l-iStandards, qed jiġi stabbilit il-fehim li r-residenti li jgħixu bid-dimenzja se jgħixu f'ambjent li huwa sigur u xieraq għall-ħtiġijiet tagħhom, b'adattamenti jekk ikun hemm bżonn. Barra minn hekk, il-provdituri tas-servizz għandhom jassiguraw li kull persuna li tgħix bid-dimenzja hija rappreżentata minn xi ħadd li jista' jieħu d-deċiżjonijiet f'isimha jekk ma tkunx tista' tagħmel dan, u li dawk li jieħdu ħsieb lil dawn il-persuni jkunu mħarrġa b'mod adegwat sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom.

# GLOSSARJU

| | |
|---|---|
| **“Att”** | tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta’ Standards ta’ Ħarsien Soċjali (Kapitlu 582). |
| **“L-Awtorità”** | tfisser l-Awtorità ta’ Standards ta’ Ħarsien Soċjali (SCSA) kif stabbilita permezz tal-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità ta’ Standards ta’ Ħarsien Soċjali (Kapitlu 582). |
| **“Dar ta’ kura residenzjali”** | tfisser akkomodazzjoni li tipprovdi kura personali u servizzi ta’ appoġġ lill-persuni li qed jgħixu bid-dimenzja. |
| **“Imġiba diffiċli”** | tfisser imġiba b’tali intensità, frekwenza, jew tul ta’ żmien esebita mir-residenti li skattat minn fatturi intrinsiċi jew estrinsiċi, li għandha l-potenzjal li tikkawża ħsara fiżika, emozzjonali u/jew psikoloġika lir-residenti stess jew lil persuni oħra madwarhom. Din l-imġiba x’aktarx tillimita jew timpedixxi l-aċċess għal ċerti servizzi jew faċilitajiet mingħajr appoġġ adegwat. |
| **“Indikatur ta’ kwalità”** | tfisser stqarrija li tistabbilixxi r-rekwiżiti sabiex tinkiseb il-konformità ma’ standard. |
| **“Indikatur ta’ prestazzjoni”** | tfisser deskrittur attiv ta’ x’għandhom jagħmlu l-provdituri tas-servizz sabiex jassiguraw ir-riżultati tas-servizz li jsostnu l-indikaturi ta’ kwalità. |
| **“Maniġment”** | tfisser persuni li jaġixxu f’isem il-provditur tas-servizz biex jipprovdu tmexxija lill-istaff u jissorveljaw u jikkontrollaw il-funzjonament xieraq tas-servizzi offruti lir-residenti. |

| | |
|---|---|
| **“Persuna kompetenti”** | tfisser persuna jew entità li għandha l-għarfien teoretiku u/jew prattiku xieraq u/jew l-esperjenza li jagħmluha kapaċi u/jew awtorizzata sabiex timplimenta attivitajiet speċifiċi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-istandards jew id-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet applikabbli. |
| **“Persuna li tgħix bid-dimenzja”** | tfisser persuna dijanjostikata bid-dimenzja minn persuna kompetenti. Il-persuna tista’ tesperjenza indeboliment konjittiv, ostakoli lingwistiċi jew diffikultajiet fil-komunikazzjoni minħabba l-progressjoni tad-dimenzja, li twassal għall-ħtieġa ta’ kura ħolistika u fit-tul f’dar ta’ kura residenzjali. |
| **“Pjan ta’ kura personali”** | tfisser dokument li huwa bbażat fuq il-valutazzjoni ħolistika tar-resident li jispeċifika kif il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tar-resident se jintlaħqu. Dan id-dokument għandu jinkludi wkoll ir-riżorsi meħtieġa sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet kontinwi u fit-tul tar-resident. |
| **“Provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja”** | tfisser persuna jew organizzazzjoni li tipprovdi u topera dar ta’ kura residenzjali u servizzi assoċjati fit-tul lill-persuni li qed jgħixu bid-dimenzja. Il-provditur tas-servizz għandu jissodisfa l-obbligi kuntrattwali fis-seħħ li jistgħu japplikaw għalihom. |
| **“Rappreżentant maħtur legalment”** | tfisser persuna li tista’ tiġi nominata mir-resident biex tinżamm infurmata dwar l-affarijiet personali tar-resident u tieħu deċiżjonijiet jew taġixxi f’isem ir-resident. Tali persuni ma jistgħux ikunu parti mill-maniġment jew l-istaff tal-provditur tas-servizz. Ir-residenti jistgħu wkoll jiġu assenjati kustodju mill-Bord dwar il-Kustodja. F’dan il-każ, ċerti deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-kustodju skont il-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16). |
| **“Resident”** | tfisser persuna li tgħix bid-dimenzja li tidħol fi ftehim ma’ provditur ta’ servizz sabiex tagħmel użu mis-servizzi offruti u tgħix f’dar ta’ kura residenzjali. |

**“Staff”** tfisser persuna mqabbda mill-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja, fejn waħda mir-responsabbiltajiet tal-persuna hija li tipprovdi appoġġ u ħarsien individwali jew fi grupp. Membri tal-istaff jistgħu jassumu wkoll dmirijiet amministrattivi simultanjament mar-rwoli tagħhom ta’ ħarsien. Membri tal-istaff li jaħdmu fl-amministrazzjoni ta’ organizzazzjoni jew ta’ ċentru għandhom jissorveljaw l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta’ pjanijiet u azzjonijiet organizzattivi u l-infurzar ta’ regoli u proċeduri.

# STANDARD 1:

# RAPPREŻENTANZA LEGALI

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jassigura li persuni li jgħixu bid-dimenzja li joqogħdu f'dar ta' kura residenzjali għall-anzjani għandhom rappreżentant maħtur legalment li jista' jkun involut fil-kura tagħhom u li jippromwovi l-interessi tagħhom.

## INDIKATUR TA' KWALITÀ:

1. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li kull persuna li tgħix bid-dimenzja għandha rappreżentant maħtur legalment u li din il-persuna għandha tkun involuta fl-aspetti kollha tal-kura għall-imsemmija persuna li tgħix bid-dimenzja.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li kull persuna li tgħix bid-dimenzja għandha rappreżentant maħtur legalment u li din il-persuna għandha tkun involuta fl-aspetti kollha tal-kura għall-imsemmija persuna li tgħix bid-dimenzja.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani jassigura li:

1.1 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li l-persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandhom rappreżentant maħtur legalment.

1.2 Il-maniġment u l-istaff għandhom jistabbilixxu l-livell ta' fehim attwali tal-persuna li tgħix bid-dimenzja u li r-rappreżentant maħtur legalment ikun dejjem preżenti u/jew f'kuntatt meta jiġu diskussi l-preferenzi relatati mal-kura tagħha. Ir-residenti għandhom ikunu involuti fid-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu jekk għandhom il-kapaċità li jagħmlu dan.

1.3 L-istaff għandu jagħmel rapport bil-miktub meta jkun hemm resident jew rappreżentant maħtur legalment li jirrifjutaw xi trattament dettaljat fil-pjan ta' kura personali u dan għandu jiġi ffirmat mir-resident jew mir-rappreżentant maħtur legalment tiegħu, u mill-maniġment.

## STANDARD 2:

# IS-SAĦĦA PERSONALI U L-KURA MEDIKA TAR-RESIDENTI

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jassigura li l-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu fis-seħħ salvagwardji addizzjonali sabiex jipproteġu s-saħħa tar-residenti.

## INDIKATURI TA' KWALITÀ:

1. Ir-residenti għandhom ikunu appoġġjati sabiex jieklu u jixorbu b'mod sigur.
2. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jissorvelja l-ħtiġijiet tas-saħħa tar-residenti u jassigura li jkunu jistgħu jaċċessaw il-kura tas-saħħa b'mod adegwat u konvenjenti.
3. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li l-medikazzjoni għall-immaniġġjar ta' mġiba diffiċli hija użata b'mod responsabbli.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Ir-residenti għandhom ikunu appoġġjati sabiex jieklu u jixorbu b'mod sigur.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani jassigura li:

1.1 Il-maniġment u l-istaff għandhom jipprovdu lir-residenti b'tazzi, platti u pożati adattati li huma plejn u kkowdjati bil-kulur waqt il-ħinijiet tal-ikel. Il-kuluri tat-tazzi, platti u pożati għandhom jikkuntrastaw mal-mejda.

1.2 Ir-residenti jiġu assistiti mill-maniġment u l-istaff sabiex jagħmlu l-għażliet personali tagħhom tal-ikel.

1.3 L-istaff għandu jassigura li waqt il-ħinijiet tal-ikel, ir-resident ikun f'ambjent sigur, f'kamra mdawla sew, b'distrazzjonijiet mill-inqas u l-mejda tinżamm f'ambjent b'aspett familjari.

1.4 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li kwalunkwe apparat meħtieġ biex jingħata l-ikel (bħal platti bid-dividers) jiġi pprovdut wara li ssir valutazzjoni tal-ħtiġijiet u rakkomandazzjoni minn persuna kompetenti.

1.5 L-istaff għandu jassigura li r-residenti ma joqogħdux neqsin mill-ilma. Ir-residenti għandu jkollhom aċċess għall-ilma tax-xorb f'kull ħin mingħajr ebda spejjeż żejda.

1.6 Ir-residenti identifikati li huma f'riskju li jixirqu għandhom ikunu ssorveljati waqt l-ikliet.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jissorvelja l-ħtiġijiet tas-saħħa tar-residenti u jassigura li jkunu jistgħu jaċċessaw il-kura tas-saħħa b'mod adegwat u konvenjenti.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani jassigura li:

2.1 Il-maniġment għandu jassigura li l-pjan ta' kura personali tar-resident jirrikonoxxi d-dimenzja u jindika kwalunkwe tibdil fil-kura tiegħu li jirrifletti l-istadji differenti tad-dimenzja skont il-ħtieġa.

2.2 Il-maniġment għandu jassigura li r-resident u r-rappreżentant maħtur legalment tiegħu jinżammu infurmati dwar il-medikazzjonijiet li r-resident qiegħed jirċievi u dwar kwalunkwe tibdil fil-medikazzjoni.

2.3 Il-maniġment għandu jassigura li r-residenti jsirulhom testijiet regolari tas-saħħa minn persuna kompetenti mill-inqas kull tliet (3) xhur jew skont kif ikun meħtieġ.

2.4 Il-maniġment u l-istaff għandhom jassiguraw li r-residenti jiġu evalwati għall-uġigħ u għandhom ikunu viġilanti għal sinjali ta' wġigħ. Jekk ikun hemm suspett tal-preżenza ta' wġigħ, ir-resident għandu jiġi evalwat minn persuna/i kompetenti u jinbeda t-trattament meħtieġ.

2.5 L-istaff għandu jassigura li jekk ir-resident jilbes dentatura, din tkun imwaħħla sew u mnaddfa u spezzjonata regolarment.

2.6 Il-maniġment għandu jassigura li meta resident jiddaħħal l-isptar, ikun akkumpanjat minn membru tal-istaff, u li l-informazzjoni kollha relevanti tiġi kkomunikata lill-istaff tal-isptar.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 3

**3.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li l-medikazzjoni għall-immaniġġjar ta' mġiba diffiċli hija użata b'mod responsabbli.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani jassigura li:

3.1 Il-maniġment għandu jassigura li tiġi mfassla proċedura għall-użu ta' medikazzjoni għall-immaniġġjar ta' mġiba diffiċli u tiġi riveduta mill-inqas kull sena minn professjonist imħarreġ fl-immaniġġjar u l-kura tad-dimenzja. L-istaff għandu jkun konxju ta' din il-proċedura u jużaha kif xieraq.

3.2 L-istaff għandu jiġi mħarreġ kif xieraq sabiex jimmaniġġja sitwazzjonijiet li jistgħu jikkawżaw imġiba diffiċli u jnaqqashom b'tali mod li l-użu tar-restrizzjoni fiżika u/jew kimika jiġi minimizzat u mhux inkoraġġut.

# STANDARD 3:

# L-AMBJENT FIŻIKU

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi drittijiet li jassiguraw illi l-ambjent huwa akkoljenti, li jilqa', familjari, pjaċevoli u li jaqdi l-ħtiġijiet tar-residenti.

## INDIKATURI TA' KWALITÀ:

1. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li s-sit u t-tqassim tad-dar ta' kura residenzjali u l-ispazji esterni kollha tagħha għandhom ikunu xierqa għal persuni li jgħixu bid-dimenzja.
2. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li hemm fis-seħħ adattamenti li jippermettu lir-residenti jorjentaw ruħhom u jinnavigaw fl-ambjent tagħhom.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li s-sit u t-tqassim tad-dar ta' kura residenzjali u l-ispazji esterni kollha tagħha għandhom ikunu xierqa għal persuni li jgħixu bid-dimenzja.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani jassigura li:

1.1 Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li l-art, il-ħitan, u l-attrezzar dekorattiv m'għandhomx disinji.

1.2 Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li l-bibien ta' aċċess huma ta' kulur differenti mill-ħajt.

1.3 Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li l-kulur u d-disinji tal-madum bejn il-kmamar jinżammu l-istess*.

1.4 Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li t-tqassim tal-ispazju intern inaqqas l-ostakoli fiżiċi sabiex jippermetti l-moviment minn post għal ieħor b'mod sigur. Tul il-kurituri għandu jkun hemm grab rails tal-injam li jistgħu jinqabdu faċilment sabiex iservu ta' sapport waqt il-mixi.

* Mandatorju biss għall-binjiet il-ġodda kollha, għal dawk li huma liċenzjati għall-ewwel darba, għall-estensjonijiet u xogħol ta' tisbiħ fi djar ta' kura residenzjali li għandhom żona speċifika għad-dimenzja.

1.5 Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li tintuża l-aħħar teknoloġija assistiva li tippermetti l-moviment liberu tar-residenti filwaqt li jiġi assigurat li l-istaff huwa konxju ta' fejn jinsabu f'kull ħin. Għandu jinkiseb il-kunsens infurmat għall-użu ta' kwalunkwe teknoloġija assistiva mingħand ir-resident, fejn possibbli. Jekk dan mhux possibbli, għandu jinkiseb il-kunsens infurmat mingħand ir-rappreżentant maħtur legalment.

1.6 Il-maniġment u l-istaff għandhom ikunu ggwidati mill-pariri ta' professjonisti bħal terapisti okkupazzjonali u fiżjoterapisti sabiex jiġi assigurat li d-dar ta' kura residenzjali hija xierqa għal persuni li jgħixu bid-dimenzja.

1.7 Il-maniġment u l-istaff għandhom ikunu ggwidati mill-professjonisti biex jippromwovu l-użu tat-teknoloġija assistiva, għajnuniet u adattamenti għar-residenti kif meħtieġ.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 2

**2.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li hemm fis-seħħ adattamenti li jippermettu lir-residenti jorjentaw ruħhom u jinnavigaw fl-ambjent tagħhom.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani jassigura li:

2.1 Ma jkunx hemm mirja jew bibien li jirriflettu fil-kmamar tas-sodda tar-residenti.

2.2 Il-kulur aħmar jiġi evitat fil-kmamar tas-sodda tar-residenti u jintuża b'kawtela fiż-żoni komuni li huma frekwentati minn persuni li jgħixu bid-dimenzja.

2.3 Il-kmamar tas-sodda tar-residenti għandhom jintgħarfu faċilment minn barra.

2.4 Ir-residenti għandhom jitħallew jesebixxu memorabilia personali li jservu ta' orientation cues biex jgħinu fl-identifikazzjoni tal-kmamar tas-sodda.

2.5 Għandu jkun hemm fis-seħħ miżuri ta' sigurtà sabiex jiġi assigurat li ż-żoni u l-oġġetti ta' periklu ma jkunux aċċessibbli għar-residenti li jimxu bi skop.

2.6 It-tqassim tad-dar ta' kura residenzjali għandu jiġi ddisinjat bil-ħsieb li jnaqqas l-ammont u t-tul tal-kurituri li minnhom iridu jgħaddu r-residenti*.

2.7 It-tqassim tad-dar ta' kura residenzjali għandu jkollu elementi, oġġetti u disinji ripetittivi mill-inqas sabiex ir-residenti jsibu triqthom faċilment*.

2.8 Il-pumi tal-bibien għandhom ikunu b'tali mod li ma jeħtiġux forza jew il-bżonn li jintlewa l-polz sabiex jinfetħu.

2.9 L-ittri tas-sinjali għandhom jitkabbru u għandu jkun hemm kuntrast bejn is-sinjali, il-muntatura tagħhom u l-isfond.

* Mandatorju biss għall-binjiet il-ġodda kollha, għal dawk li huma liċenzjati għall-ewwel darba, għall-estensjonijiet u xogħol ta' tisbiħ fi djar ta' kura residenzjali li għandhom żona speċifika għad-dimenzja.

## STANDARD 4:

# IMMANIĠĠJAR TA' KWALITÀ

## STQARRIJA TAL-ISTANDARD:

Dan l-iStandard jippromwovi drittijiet li jassiguraw li l-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jkun responsabbli sabiex jagħti servizz ta' kwalità u appoġġ ibbażati fuq il-kompetenza u t-titjib kontinwu.

## INDIKATUR TA' KWALITÀ:

1. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali hija mmexxija minn persuna kompetenti u li jimpjega staff li huwa mħarreġ b'mod adegwat sabiex jaħdem ma' persuni li jgħixu bid-dimenzja.

# INDIKATUR TA' KWALITÀ 1

**1.0 Indikatur ta' Kwalità:** Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jassigura li d-dar ta' kura residenzjali hija mmexxija minn persuna kompetenti u li jimpjega staff li huwa mħarreġ b'mod adegwat sabiex jaħdem ma' persuni li jgħixu bid-dimenzja.

# INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI:

Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani jassigura li:

1.1 Il-maniġer tad-dar ta' kura residenzjali għandu juri li jkun ħa taħriġ perjodiku bħala parti minn żvilupp professjonali kontinwu inkluż taħriġ dwar il-kura għal persuni li jgħixu bid-dimenzja sabiex jaġġorna l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi, filwaqt li jmexxi d-dar ta' kura residenzjali.

1.2 Il-maniġment għandu jassigura li l-istaff li jaħdem direttament ma' u li jagħti appoġġ lil persuni li jgħixu bid-dimenzja fid-djar tal-anzjani għandu jkollu taħriġ avvanzat dwar kif persuni li jgħixu bid-dimenzja għandhom jingħataw appoġġ.

**Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali**
469, Bugeia Institute, Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera, Malta

**www.scsa.gov.mt**

**© Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali 2021**

Edizzjoni 1

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-ANZJANI
U L-ANZJANITÀ ATTIVA